MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 568/2003

**Joseph Psaila**

**vs**

**Ivan Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm660.91) rappresentanti danni subiti f'incident stradali li sehh fl-4 ta' Jannar 2003 f'Tas-Santi limiti ta'l-Imgarr, meta il-vettura li kien qed isuq il-konvenut habtet mal-vettura JRP220 ta'l-attur, ghal liema kollizjoni huwa responsabbli unikament il-konvenut minhabba traskuragini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tad-29 ta' Jannar 2003 u tas-17 ta' Frar 2003 kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta' Mejju 2003 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante li l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija da parti ta'l-istess konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta'l-attur, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz mill-attur huwa ferm eccessiv.

Sema x-xhieda ta'l-attur, ta' PS1133 Joseph Borg, Philip Attard u Mary Rose Psaila.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2003, fejn l-konvenut ammetta r-responsabbilta ghall-incident mertu tal-kawza u ghalhekk irtira l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu, izda iddikjara illi huwa qieghed jikkontesta l-*quantum* tad-danni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi fid-dawl tal-verbal tat-12 ta' Novembru 2003, fejn l-konvenut ammetta r-responsabbilta ghall-incident, it-Tribunal ma hux ser jidhol sabiex jezamina d-dinamika ta' dan l-incident tat-traffiku, izda sejjer ighaddi sabiex jigi determinat jekk il-*quantum* tad-danni reklamat mill-attur huwiex wiehed eccessiv u dana kif qed jikkontendi l-konvenut fit-tieni eccezzjoni sollevata minnu.

Illi mir-*road accident report* esebiet a fol.18 et seq. ta'l-atti processwali irrizulta illi l-hsara subita fil-vettura ta'l-attur kienet tikkonsisti f'barxa tul il-genb tal-vettura fin-naha tax-xellug. Illi l-attur ezebixxa bhala Dokumenti JP1 sa JP8, ir-

ricevuti in konnessjoni mat-tiswijiet relattivi fil-vettura tieghu, liema hsara ukoll tirrizulta mir-ritratti esebiti minnu stess Dokuemnt JP9 sa JP12. Illi finalment ix-xhieda ta' Philip Attard is-*surveyor* jikkonferma r-rapport imhejji minnu in konnessjoni mal-hsarat subiti fil-vettura ta'l-atur, liema rapport huwa esebiet bhala Dokument JP6 a fol.33 tal-process. Minn hawn jirrizulta illi t-tiswijiet li ghamel l-attur fil-vettura tieghu u l-i*spare parts* mixtrija huma kompatibbli mar-rapport ta'l-imsemmi surveyor. Ma jidhirx illi l-attur effettwa xi tiswijiet li ma humiex indikati f'dan ir-rapport.

Illi l-konvenut, ghalkemm iddikjara illi qieghed jikkontesta l-*quantum* tad-danni, ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni sollevata minnu. Inoltre, kif inghad iktar 'il fuq, l-ammont mitlub mill-attur jidher li huwa wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-konvenut dwar ir-responsabbilta tieghu dwar l-incident stradali mertu tal-kawza, billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin u wiehed u disghin cetenzmu (Lm660.91).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------